



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13568/2/25
REV 2

CDR 74

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar żewġ membri u żewġ membri
supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Latvja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta'...

**li taħtar żewġ membri
u żewġ membri supplenti,
proposti mir-Repubblika tal-Latvja,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Latvjan,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13 (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj>).

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71², li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra s-Sur Aivars OKMANIS u s-Sur Dainis TURLAIS saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Justine PANTELĒJEVA, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (5) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Jānis ROZENBERGS bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti.
- (6) Il-Gvern Latvjian ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030: Is-Sinjura Mairita LŪSE, *Deputāte, Rīgas dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill tal-belt ta' Riga), u s-Sur Jānis ROZENBERGS, *Deputāts, Cēsu novada pašvaldības dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Cesis).

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L 2025/71, 16.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj>).

- (7) Il-Gvern Latvjan ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030: Is-Sur Edgars IKSTENS, *Deputāte, Rīgas dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill tal-belt ta' Riga), u s-Sur Leons LĪDUMS, *Deputāts, Aizkraukles novada pašvaldības dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Aizkraukle),

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettoralu huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030:

(a) bħala membri:

- Is-Sa Mairita LŪSE, *Deputāte, Rīgas dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill tal-belt ta' Riga),
- Is-Sur Jānis ROZENBERGS, *Deputāts, Cēsu novada pašvaldības dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Cesis),

u

(b) bħala membri supplenti:

- Is-Sur Edgars IKSTENS, *Deputāts, Rīgas dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill tal-belt ta' Riga),
- Is-Sur Leons LĪDUMS, *Deputāts, Aizkraukles novada pašvaldības dome* (Membru tal-Kunsill, kunsill muniċipali ta' Aizkraukle).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President